MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Avviż Numru. 1034/2002

**APS Bank Limited.**

**-vs-**

**1. N & M Trading Limited,**
**2. Kisinchand Mohnani**
**3. Natasha Mohnani.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-13 ta' Settembru, 2002, li bih s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Is-socjeta’ attrici kienet ikkoncediet lis-socjeta’ konvenuta N & M Trading Limited facilita’ ta’ Overdraft.

Il-konvenuti l-ohra u cioe’ Kisinchand Mohnani u Natasha Mohnani kienu kkostitwew ruhhom bhala garanti solidali ma’ l-imsemmija N & M Trading Limited favur is-socjeta’ attrici u dana bhala garanzija ghal hlas lura ta’ l-imsemmija facilita’ ta’ overdraft u ghal hlas ta’ l-imghaxijiet relativi u dana kif jirrizulta mill-annessi garanziji markati bhala Dokument A u B.

Il-bilanc dovut illum skond l-imsemmija facilita’ ta’ Overdrat jammonta ghas-somma ta’ tnax il-elf u tmien Liri u tnejn usittin centezmu (Lm12,008.62) dovuta kwantu ghas-somma ta’ hdax il-eld disa mija tlieta u tmenin Lira u tmienja u tletin centezmu (Lm11,983.38) bhala bilanc ta’ debitu ta’ Overdraft Account Numru 11648831019 (Dok C) u kwantu ghas-somma ta’ hamsa u ghoxrin Lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm25.24) bhala bilanc ta’ debitu ta’ kont Kurrenti numru 11648830024 (dok D) oltre l-interessi ulterjuri b’ efett mit-30 ta’ Gunju 2002 sad-data tal-pagament efettiv.

Ghalhekk il-konvenuti, b’ mod solidali bejniethom, huma debituri tas-socjeta’ attrici ta’ l-imsemmija somma ta’ tnax il-elf u tmien Liri u tnejn u sittin centezmu (Lm12,008.62) oltre l-interessi ulterjui b’ effett mit-30 ta’ Gunju, 2002 sad-data tal-pagament efettiv.

L-konvenuti gew interpellati biex ihallsu l-imsemmija somma izda baqghu inadempjenti.

Jghidu ghallhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti, b’ mod solidali bejniethom, huma debituri tas-socjeta’ attrici tas-somma ta’ tnax il-elf u tmien Liri u tnejn u sittin centezmu (Lm12,008.62) dovuta kwantu ghas-somma ta’ hdax il-elf disa mija tlieta u tmenin Lira u tmienja u tletin centezmu (Lm11,983.38) bhala bilanc ta’

debitu ta’ Overdrat Account Numru 11648831019 (Dok C) u kwantu ghas-somma ta’ hamsa u ghoxrin Lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm25.24) bhala bilanc ta’ debitu ta’ kont Kurrenti numru 11648830024 (Dok D) oltre l-interessi ulterjuri b’ effett mit-30 ta’ Gunju 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna lill-konvenuti, b’ mod solidali bejniethom ihallsu lis-socjeta’ attrici l-imsemmija somma ta’ tnax il-elf u tmien Liri u tnejn u sittin centezmu (Lm12,008.62).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ‘in solidum’ inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta’ Gunju, 2002 u tal-mandati ta’ sekwestu u qbid prezentati kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b’ effett mit-30 ta’ Gunju 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ‘in solidum’ mill-llum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota ta’ riduzzjoni prezentata fis-seduta ta’ llum li permezz taghha it-talba attrici giet ridotta bis-somma ta’ sitt mija u tlieta u disghin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm693.25).

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti **tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni u kif ridotti ghas-somma ta' hdax il-elf, tlett mija u hmistax il-Lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm11,315.37), u tikkundanna lill-konvenuti 'in solidum' sabiex jhallsu s-somma imsemmija bl-interess ulterjuri b' effett mit-30 ta' Gunju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv, inkluz l-ispejjez tal-kawza kif wkoll dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' l-4 ta' Gunju, 2002 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------